**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 442/23 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 1120/1995)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti iżżewġet lil C D B li għandu il-karta ta' l-identita numru X u li joqgħod fl-indirizz: X, Msida, nhar is-sebgħa 7) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija hamsa u disgħin (1995);

2. Illi ai finijiet ta' l-Artikolu 66B (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konjugi B sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-tlieta (03) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ippublikat fl-atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit, kopja legali qed tiġi hawn annessa u 'mmarkata bħala Dok. A;

3. Illi dan il-kuntratt ta' separazzjoni kien ġie debitament awtorizzat in forza tad- digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) data is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u permezz ta' liema kuntratt il- partijiet irregolaw is-separazzjoni konsenswali tagħhom;

4. Illi ai finijiet tal-Artikolu 66B ctal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, minn dan iż- żwieġ twieldet tifla li minħabba l-eta tagħha u l-fatt li taħdem full time ma hemm l-ebda manteniment dovut lilha;

5. Illi ai finijiet tal-Artikolu 66B (d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma hemm l- ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin;

6. Illi minkejja li fil-Kuntratt ta' Separazzjoni taħt il-klawżola 14, l-esponenta stqarret li hi trid iżżomm il-kunjom tagħha bħala B, hija tixtieq li tirreverti lura ghal kunjomha xebba u cioe E'

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna il-hall taż-żwieġ tagħha ma l-intimat;

2. Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet;

3. Tordna li r-rikorrenta tirreverti lura għal kunjomha xebba u cioe' 'E';

4. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli għal daqshekk mill- istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorżju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Settembru 2023;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m’ghandu l-ebda oġġezjoni li jintlaqghu t-talbiet kontentuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “Catania”. Il-Qorti tilqa’ din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jieħu l-passi kollha f’dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Novembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Catania", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.